MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 34/2006

Steve Allen **FAGERBAKKE** u Susanne Fagerbakke

vs

Maria Dolores **SPITERI**, Massimo Spiteri u Romina Spiteri

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 ta’ Jannar, 2006, bil-proċedura sommarja speċjali li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-Qorti taqta’ l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u biex tikkundanna lill-imħarrkin biex joħorġu mill-post numru ħdax (11), Triq Bondin (*Recte:* “Bordin”), Msida/Pieta’ fiż-żmien qasir u perentorju li din il-Qorti għandha tiffissalhom, wara li tiddikjara li huma qegħdin jokkupawh bla ebda titolu siewi fil-liġi;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta’ Frar, 2006, li bih qieset li l-imħarrkin urewha li jistħoqqilhom jitħallew jikkontestaw il-

kawża u tathom għoxrin jum żmien biex iressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-16 ta' Frar, 2006, li biha laqgħu għat-talbiet attriċi billi qalu, preliminarjament, li din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża minħabba l-valur tal-kwestjoni u dan billi l-valur lokatizju tal-post jaqa' fil-kompetenza ta' Qorti oħra; lanqas ma għandha din il-Qorti s-setgħa li tisma' l-kawża minħabba n-natura tal-kawża għaliex huma għandhom titolu validu ta' kera dwar il-post. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa għaliex huma jgawdu t-titolu ta' kera għall-post, liema jedd wirtuh mingħand Francesca Aġius;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Marzu, 2006, li bih ordnat li jiġu trattati l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari marbutin mas-setgħa tal-Qorti li tisma' l-kawża;

Semgħet il-provi tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2006, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet dwar l-istess eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-18 ta' April, 2006[1], li minnha, fost l-oħrajn, jirriżulta wkoll li l-imħarrkin kienu qegħdin jirrinunzjaw għall-ewwel eċċezzjoni tagħhom;

Rat is-sentenza mogħtija minnha fl-24 ta' Ottubru, 2006[2], li biha u għar-raġunijiet hemm mogħtija, ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin u ordnat li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu;

Semgħet il-provi mressqa mill-partijiet;

[1] Paġġ. 59 sa 64 tal-proċess
[2] Paġġ. 72 – 8 tal-proċess

Rat il-kapitoli mressqa waqt is-smigħ tal-10 ta' April, 2008[3], għas-subizzjoni tal-imħarrka Romina Spiteri;

Rat li l-imsemmija Romina Spiteri naqset li tidher biex tikkontesta l-imsemmija kapitoli;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Mejju, 2008, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal żgumbrament minn dar ta' abitazzjoni. L-atturi jridu jieħdu lura f'idejhom post f'Tal-Pieta' li huma xtraw f'Awissu tal-2002. Il-post qiegħed jinżamm mill-imħarrkin, jew min minnhom, u billi dawn ma jridux joħorġu minn hemm, l-atturi qegħdin imexxu b'din il-kawża. L-atturi jgħidu li l-imħarrkin qegħdin iżommu l-post bla ebda jedd;

Illi l-imħarrkin jgħidu li huma jgħixu f'dak il-post b'kirja li huma wirtu mingħand Francesca Aġius, omm l-imħarrka Maria Dolores Spiteri. Huma jgħidu li jikru l-post bir-rata ta' ħmistax-il lira Maltija (Lm 15.00)[4] fis-sena, titħallas kull sitt xhur bil quddiem. Għalhekk laqgħu billi qegħdin jgħidu li l-atturi ma jistgħux bi dritt jitolbu t-tneħħija tagħhom mill-imsemmi post;

Illi l-<u>fatti rilevanti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża</u> juru li l-atturi xtraw il-post in kwestjoni f'Awissu tal-2002[5], mingħand Conċetta Mifsud li tiġi zija paterna tal-attriċi. Fil-kuntratt jingħad li l-post dik il-ħabta kien mikri lil terzi. Il-post kien inkera minn Conċetta Mifsud lil Francesca Aġius, li tiġi omm l-imħarrka Dolores Spiteri. Francesca Aġius mietet fit-18 ta' Ottubru, 2002, u ħalliet lil bintha Dolores werrieta universali tagħha f'testment ippubblikat

---

[3] Paġġ. 170 – 1 tal-proċess
[4] Li jġibu € 34.94 fi flus tal-lum
[5] Dok "A", f'paġġ. 7-8 tal-proċess

f’Mejju tal-1998[6]. Fl-aħħar xhur ta’ ħajjitha, Aġius kienet qegħda tgħix f’dar tax-xjuħ[7];

Illi f’Novembru tal-2002[8], l-atturi talbu lill-imħarrka Dolores Spiteri b’ittra uffiċjali biex toħroġ mill-post għaliex qalu li hija kienet qegħda żżommu illegalment u abbużivament. Dik l-ittra kienet indirizzata f’post li jinsab fi Triq il-Ħarruba, Santa Venera, u r-riferta tgħid li l-ittra rċevietha l-imħarrka Dolores Spiteri nfisha f’dak il-post. Il-Karta tal-Identita’ ta’ kull wieħed u waħda mit-tliet imħarrkin tindika li l-indirizz tagħhom huwa l-fond mertu tal-kawża[9];

Illi l-imħarrka nfirdet minn ma’ żewġha b’kuntratt ta’ firda personali ippubblikat f’Awissu tal-1996[10], u żammet il-kustodja taż-żewġ ulied komuni, Massimo u Romina, ż-żewġ imħarrkin l-oħra. F’Jannar tal-2003, l-atturi kienu fetħu kawża kontra l-imħarrka Dolores Spiteri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jitolbu li jieħdu lura l-post f’idejhom wara li l-Bord jiddikjara li Spiteri ma tikkwalifikax bħala “kerrejja” għall-finijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta’ Malta. F’Mejju tal-2003, Mejju tal-2004 u Mejju tal-2005, l-imħarrka iddepożitat il-kera tal-post fil-Qorti b’ċedola kontra Conċetta Mifsud[11]. Fis-7 ta’ Diċembru tal-2005[12], il-Bord li Jirregola l-Kera iddikjara li ma kienx kompetenti jqis it-talba tal-atturi kif impostata, u għalhekk astjena milli jqis it-talba. Fit-12 ta’ Jannar, 2006, infetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u>, tajjeb li wieħed jifhem x’ikun qiegħed jitfisser meta attur jixli lill-imħarrek li qiegħed iżomm jew jokkupa post bla titolu. Din il-frażi tfisser li l-parti mħarrka sa mill-bidu ma kellhiex jedd tutelabbli għall-post minnha miżmum[13]. Il-frażi “bla titolu” għandha titqies li legalment iġġib magħha għamla ta’ okkupazzjoni li, **sa mill-bidu nett tagħha**, ma kinitx konsentita, jew għaliex tkun twettqet mingħajr ir-rieda ta’ sid il-post li jkun, jew għaliex

[6] Dok “MS7”, f’paġġ. 40-1 tal-proċess
[7] Xhieda ta’ Maria Dolores Spiteri 21.3.2006, f’paġ. 49 tal-proċess
[8] Dok “B”, f’paġġ. 10 – 1 tal-proċess
[9] Dok “MDS1”, f’paġ. 21 tal-proċess
[10] Dok “MS1”, f’paġġ. 29 sa 34 tal-proċess
[11] Dokti. “MDS2”, “MDS3”, f’paġġ. 22-9 tal-proċess
[12] Paġġ. 43-5 tal-proċess
[13] App.Inf. **12.8.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri et vs Mifsud et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.iii.306**)

tkun ittieħdet b'mod abbużiv jew bi vjolenza jew arbitrarjament, jew bil-moħbi tas-sid, liema illegalita' tkun issoktat sal-waqt li tinbeda l-kawża. F'każ bħal dan, issetgħa tal-qorti biex tisma' kawża bħal din tieqaf malli jirriżulta li l-imħarrek kellu tassew xi titolu fuqhiex iserraħ il-każ tiegħu[14]. Iżda l-prinċipji hawn fuq imsemmija kellhom jinftehmu f'sens limitat. Jiġifieri, l-qorti hija msejħa li tistħarreġ u tistabilixxi l-eżistenza ta' titolu tal-parti mħarrka **fil-konfront tal-parti attriċi** li trid tiżgumbraha. Ma huwiex biżżejjed, allura, li l-parti mħarrka tipprova li qegħda żżomm fond bis-saħħa ta' xi relazzjoni ġuridika leġittima, hi x'inhi fil-konfront ta' xiħadd, hu min hu: il-parti mħarrka trid tipprova l-eżistenza ta' relazzjoni ġuridika li tagħtiha titolu fil-konfront tal-parti attriċi[15];

Illi fejn attur jitlob it-tneħħija tal-parti mħarrka minn post fuq il-bażi li din tkun qegħda iżżomm dak il-post bla ebda titolu, jaqa' fuq l-attur il-piż li jipprova dak li jallega. Dan ifisser li, f'kawża mibnija fuq il-kawżali tan-nuqqas ta' titolu, r-regola hija xorta waħda li l-piż jaqa' fuq min qiegħed jallega n-nuqqas ta' titolu skond ir-regola ġenerali tal-proċedura[16]. Iżda mbagħad hemm xi fatturi li jistgħu jxaqilbu dak il-piż[17]. Tqum ukoll il-kwestjoni dwar jekk l-attur jistax ikun mistenni li jipprova fatt negattiv jew non-fatt, u dan skond ir-regola "*negativa non sunt probanda*";

Illi **dwar it-titolu vantat mill-imħarrka Maria Dolores Spiteri** jirriżulta li l-fond mertu tal-kawża kien id-dar fejn l-imħarrka twieldet u trabbiet[18]. Wara li żżewġet, marret tgħix band'oħra, u jidher li, sal-1996, id-dar taż-żwieġ tagħha kienet tinsab f'appartament li jagħmel minn binja bl-isem ta' "*Wall Field*" fi Triq il-Ħarrub, Santa Venera. Iżda f'dak iż-żmien jidher li kienet diġa' ħarġet minn dik id-dar u ma kinitx għadha qegħda tgħix ma' żewġha (missier l-imħarrkin l-oħrajn). L-imħarrka tgħid li hija marret toqgħod ma' ommha sa minn qabel din kellha tidħol tgħix

[14] App. Inf. **2.8.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Grima et vs Emanuel Frendo*** (mhix pubblikata)
[15] App. Ċiv. **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Galea et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.171**)
[16] Art. 562 tal-Kap 12
[17] App. Inf. **27.6.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Ħili*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.577**)
[18] Xhieda tagħha 21.3.2006, f'paġġ. 48 – 9 tal-proċess

f'dar tax-xjuħ minħabba l-eta' u minħabba li bdiet tbati mid-demenza;

Illi l-atturi jaċċettaw li l-post kien mikri lil omm l-imħarrka u li l-kera kienet titħallas ukoll wara li huma kienu xtraw il-post mingħand zit l-attriċi. Il-post kien mikri bir-rata ta' Lm 1.25 kull xahar u titħallas kull xahar bil quddiem;

Illi jirriżulta wkoll, madankollu, li matul iż-żmien li omm l-imħarrka kienet qiegħda tgħix fid-djar tax-xjuħ, is-servizz tad-dawl u tal-ilma fil-post mertu tal-kawża kienu nqatgħu minħabba li l-kontijiet ma tħallsux[19]. Illum il-ġurnata, madankollu, s-servizz reġa' ġie rijattivat u l-imħarrka hija l-abbonata magħrufa[20]. Jirriżulta wkoll li, bejn wieħed u ieħor f'dawk iż-żminijiet li s-servizz kien maqtugħ, l-imħarrka kellha xi disgwid ma' ommha u kienet marret tgħix f'Santa Venera, sewwasew fil-post li binha l-imħarrek Massimo Spiteri kien kera bil-ħsieb li jmur jgħix fih 'il quddiem[21]. L-attriċi tgħid li wara li hi u żewġha marru jgħixu fid-dar tagħhom wara li żżewġu kienu f'qagħda li jaraw x'kien qiegħed isir fid-dar mertu tal-każ, għaliex id-dar tagħhom u d-dar mertu tal-kawża kienu jmissu ma' xulxin dahar ma' dahar. Tgħid li wara l-2001 (meta l-atturi żżewġu) id-dar mertu tal-każ kienu jarawha mitluqa[22]. Ċettina Mifsud, is-sid mingħand min l-atturi xtraw id-dar mertu tal-kawża, tgħid ukoll li, meta Franċesca Aġius daħlet fid-dar tax-xjuħ, fil-post ħadd ma kien baqa' joqgħod: anzi, tgħid li Aġius daħlet toqgħod fid-dar tax-xjuħ għaliex ma kinitx iżjed ta' waħedha u għax ħadd ma kien għadu jgħix magħha[23]. Tissemma persuna – Ramon Muscat – li saħansitra talbet lil Ċettina Mifsud biex tikrilha l-post wara li ħarġet minnu Aġius;

Illi jirriżulta wkoll li l-attur u missier l-attriċi kienu bdew jagħmlu l-għassa lill-imħarrka biex jaraw fejn kienet tgħix tassew. Dan kienu jagħmluh billi jkunu jafu fejn kienet tkun matul il-jum u jmorru jaraw fejn kienet tidħol qabel

---

[19] Xhieda tal-imħarrek Massimo Spiteri 21.3.2006, f'paġ. 52 tal-proċess
[20] Dokti "EMA" u "EMB", f'paġġ. 106 – 7 tal-proċess
[21] Xhieda tas-Surġent Maġġur John Micallef 6.6.2007, f'paġġ. 110 – 1 tal-proċess
[22] Affidavit tagħha, f'paġ. 84 tal-proċess
[23] Affidavit tagħha, f'paġ. 93 tal-proċess

tirtira[24]. Huma kienu jarawha dieħla f'post fi Triq il-Ħarrub, Santa Venera. Dan kien fiż-żmien wara li kienet mietet Franċesca Aġius;

Illi mill-aspett ta' dritt, m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li Francesca Aġius (omm l-imħarrka) kellha titolu ta' kera għall-post mertu tal-każ. Minkejja li hija marret tgħix f'dar tax-xjuħ fl-aħħar xhur ta' ħajjitha, jidher li hija baqgħet toffri u tibgħat il-kera. L-atturi jagħrfu dan il-jedd u jaċċettaw dawn il-fatti. Huwa minnu li l-qrati mhux dejjem qiesu r-rikoveru ta' persuna f'dar tal-anzjani bħala abbandun tal-post regolat b'kirja, u dejjem żammew li dan il-fatt irid jitqies fid-dawl ta' ċirkostanzi oħrajn li jixħtu dawl fuq il-fehma tal-kerrej li jkun. Sakemm iż-żmien li l-kerrej ikun għadda f'dar tax-xjuħ qabel mewtu ma jkunx żmien ta' ċertu tul, ma jistax jingħad li l-kerrej ikun wera r-rieda tiegħu li jabbanduna jew itemm il-kirja. F'kull każ, f'din iċ-ċirkostanza, jidher li l-atturi aċċettaw li minkejja li Franċesca Aġius kienet marret toqgħod f'dar tax-xjuħ, xorta waħda baqgħu jistennew li hija tibgħat il-kera u dan il-kera ġie aċċettat. Il-kirja kienet ilha li saret bosta snin u jidher li kienet kirja "protetta" bil-liġijiet speċjali tal-kera. Sa dak inhar li Aġius mietet f'Ottubru tal-2002, il-kera kien imħallas. Jidher li l-imħarrkin (imma l-iżjed l-imħarrka Doris Spiteri) jippretendu li huma wirtu l-kirja li kienet tgawdi Francesca Aġius, minħabba li, fil-waqt ta' mewtha, ma ħallietx warajha armel u għaliex huma kienu jgħixu magħha f'dak il-post;

Illi l-imħarrkin qegħdin jistrieħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-liġi speċjali[25]. Kif ingħad bosta drabi f'dan ir-rigward, biex persuna jseħħilha tikseb għarfien ta' jedd ta' inkwilinat b'dan il-mod, jeħtieġ li turi kif imiss żewġ fatti: l-ewwel li hija qarib (mid-demm) tal-kerrej li jkun ġie nieqes, u t-tieni li, fiż-żmien tal-mewt tal-kerrej, dik il-persuna kienet tgħix mal-kerrej. Fil-każ tal-imħarrka, l-ewwel element mhu bl-ebda mod kontestat. Id-diffikulta' titnissel dwar it-tieni rekwiżit;

---

[24] Affidavit tal-attur, f'paġ. 97 tal-proċess
[25] It-tifsira ta' "kerrej" għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Kap 69

Illi l-liġi ma tfissirx il-kliem "joqgħod ma' l-kerrej" li jinsabu fl-imsemmija tifsira ta' "kerrej" fil-liġi speċjali, u għalhekk dawn il-kliem illum il-ġurnata jitfissru bis-saħħa tal-ġurisprudenza għanja li nġemgħet matul is-snin frott ta' bosta sentenzi tal-qrati tagħna. Ġeneralment, huwa meqjus li f'dan il-kuntest, tali residenza "ma tridx tkun każwali, jew saltwarja, jew għal sempliċi kumdita' aħjar, jew ispirata minn dik il-ħtieġa ta' kambjament tal-ambjent li anke tagħmel ġid għas-saħħa u għall-moħħ, imma trid tkun ir-residenza ordinarja tal-bniedem, anke jekk għall-bżonn mhux l-unika residenza tiegħu, imma dejjem ħaġa imposta min-neċessita'"[26]. Imbagħad, b'"residenza ordinarja" wieħed jifhem "residenza f'post b'ċertu grad ta' kontinwita' u apparti assenzi aċċidentali jew temporanji. Id-durata mhux kriterju esklussiv u neċessarjament determinanti. Hu pero' kriterju tajjeb dak li jirrigwarda l-mod kif bniedem ugwalment jorganiżża ħajtu"[27]. Fuq kollox, dan l-element ta' residenza huwa wieħed li jitlob mill-ġudikant li quddiemu jitressaq il-każ apprezzament *quid facti* u mhux *quid juris*[28];

Illi għalkemm jidher li hemm fehma li jekk kemm-il darba l-kerrej ikun ilu li ħalla l-post lilu mikri biex imur jgħix f'dar tax-xjuħ ma jistax jingħad li l-membri tal-familja tiegħu jistgħu tassew jgħidu li kienu joqogħdu miegħu fil-post[29], ingħad ukoll li kerrej bħal dan ma jkunx b'daqshekk temm dik il-kirja, l-iżjed jekk ikun wera li ħalla miftuħa l-possibilita' li huwa jerġa' lura f'dak il-post lilu mikri f'każ li saħħtu titjieb jew għaliex ma jkunx jista' jidra fl-istituzzjoni li jkun daħal fiha[30];

Illi meta wieħed iqis il-fatti kollha li jirriżultaw mill-atti, l-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrka ma seħħilhiex turi b'mod xieraq li, fiż-żmien li mietet ommha, hija kienet tgħix fil-post mertu tal-każ bħala residenza tagħha. Dan jingħad l-iżjed għaliex, b'żieda ma' dawk il-fatti li ssemmew aktar qabel, il-Qorti ssibha inverosimili li l-imħarrka tassew

---

[26] App. Inf. **9.11.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***David Galea et vs Stephen Bonniċi***
[27] App. Ċiv. **8.2.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Coppini noe vs Joseph Vella Bonniċi noe*** (mhix pubblikata)
[28] App. Inf. **10.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert W. Salomone et vs Matthew DeGiorgio***
[29] App. Inf. **17.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabib Rafael Patiniott vs Stephen Camenżuli***
[30] App. Inf. **28.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġorġ Feliċe vs Ġanni Ċini***

għexet fid-dar mertu tal-kawża matul iż-żmien li ommha kienet rikoverata fid-dar tax-xjuħ, meta l-post jidher li tħalla mitluq għal kollox, meta s-servizzi essenzjali tad-dawl u l-ilma kienu maqtugħa, u meta saħansitra biex tidħol fil-post (wara l-mewt t'ommha) l-istess imħarrka jirriżulta li kellha tqabbad lil min jgħinha tiftaħ il-bieb ta' barra tal-post;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li l-imħarrka m'għandhiex titolu li jiswa fuq il-post mertu tal-kawża li hija tista' topponih kontra l-atturi;

Illi **dwar it-titolu vantat mill-imħarrek Massimo Spiteri** jidher li l-pretensjoni tiegħu tinbena fuq il-jedd li miegħu torbot ommu. L-imħarrek kellu ħamsa u għoxrin sena meta nfetħet din il-kawża u jirriżulta[31] li, sa minn Marzu tal-2003, huwa għandu post f'Santa Venera li huwa kera bil-ħsieb li jmur joqgħod fih wara li jirranġah u wara li jiżżewweġ. Il-post hu l-istess wieħed li kien id-dar matrimonjali tal-ġenituri tiegħu fiż-żmien tal-firda personali tagħhom u li, skond il-kuntratt tal-firda, kien baqa' jinżamm minn missieru. Huwa xehed li kellu jiżżewweġ f'Mejju tal-2007[32]. Jgħid li sa minn ċkunitu huwa kien jgħix fil-post mertu tal-każ flimkien ma' ommu u nanntu li kienet tikri dak il-post. Jirriżulta wkoll li, meta matul iż-żmien li kienet qiegħda tinstema' l-kawża, l-imħarrek u oħtu (l-imħarrka Romina Spiteri) kellhom xi jgħidu, l-ittra mibgħuta mill-avukat tagħha lill-imħarrek kienet issemmi indirizz ieħor (fi Triq San Ġorġ, Santa Vennera) bħala l-indirizz postali tal-imħarrek;

Illi huwa minnu li l-Karta tal-Identita' tal-imħarrek illum tidher li turi l-indirizz ta' fejn joqgħod sewwasew fil-post mertu tal-kawża. Iżda huwa magħruf li tagħrif bħal dak m'huwiex prova assoluta li fuqha biss wieħed jista' jistabilixxi r-residenza ordinarja ta' dak li jkun[33]. Hija prova indizjali li trid titqabbel ma' provi oħrajn[34]. Wieħed għandu

---

[31] Dokti "MS1" sa "MS3", f'paġġ. 129 sa 144 tal-proċess
[32] Xhieda tiegħu 21.3.2006, f'paġ. 51 tal-proċess
[33] App. Inf. **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Paċe et vs Salvatore Atard et***
[34] App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġemma Brownrigg vs Natasha Camilleri***

jgħid li jirriżulta mill-provi mressqa mill-imħarrek innifsu[35] li f'xi żmien qabel ma nfetħet din il-kawża u wara li kienet mietet Franċesca Aġius, l-istess Karta tal-identita' tiegħu (u għalhekk ir-Reġistru Elettorali relattiv) kien juri lill-imħarrek joqgħod fl-istess post ma' missieru f'Santa Venera;

Illi minn dawn iċ-ċirkostanzi kollha l-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrek Massimo Spiteri m'għandux titolu li jiswa fuq il-post mertu tal-kawża;

Illi **dwar it-titolu vantat mill-imħarrka Romina Spiteri** jidher li f'dan il-każ ukoll il-pretensjoni tagħha tinbena fuq il-jedd pretiż ta' ommha u mhux jedd dirett tagħha. Jirriżulta li Romina Spiteri kienet baqgħet tgħix ma' ommha wara l-firda personali tal-ġenituri tagħha, u, għall-kuntrarju ta' ħuha Massimo, lanqas biex torqod l-iljieli ma kienet tmur fid-dar fejn kien baqa' joqgħod missierha. Jidher, iżda, li Romina Spiteri kellha xi tgħid ma' ommha matul iż-żmien li din il-kawża kienet qegħda tinstema' u saħansitra bagħtet ittra lil ommha biex tavżaha biex ma tkellimhiex u biex ma tersaqx lejha[36]. L-imħarrka Maria Dolores Spiteri nnifisha iddikjarat li bintha m'għadhiex tgħix magħha u li ma tafx fejn marret toqgħod[37]. Dan ifisser, bla ebda dell ta' dubju, li kull interess ġuridiku li l-imħarrka Romina Spiteri seta' kellha fiż-żamma tal-post, intemm hekk kif hija telqet tgħix għal rasha, u dan għaliex b'hekk ġie nieqes l-element ta' attwalita' li huwa meħtieġ f'kull waqt tal-kawża biex jirradika l-interess ġuridiku tagħha;

Illi f'dan il-waqt il-Qorti jidhrilha xieraq li tagħmel osservazzjoni wkoll dwar punt proċedurali marbut ma' din l-imħarrka. Minħabba li l-atturi riedu jwaqqgħu x-xhieda mogħtija minnha f'affidavit, u billi ma kinux jafu fejn qegħda toqgħod jew fejn setgħu jħarrkuha, nqdew bir-rimedju proċedurali tas-subizzjoni. Kellhom kull jedd li jagħmlu dan minħabba li, meta fetħu l-kawża[38], kienu inġunġew mill-ewwel lil kull waħda mill-partijiet imħarrkin

---

[35] Dok "MS4", f'paġ. 145 tal-proċess
[36] Dokument f'paġ. 148 tal-proċess
[37] Verbal tas-smigħ 14.2.2008, f'paġ. 149 tal-proċess
[38] Art. 696(1) tal-Kap 12

għas-subizzjoni tagħhom. L-atturi għaddew biex ippreżentaw il-kapitoli tagħhom bil-miktub[39] waqt is-smigħ tal-10 ta' April, 2008[40], u l-imħarrka Romina Spiteri naqset li tidher fis-smigħ ta' wara u ma ngħatat l-ebda raġuni tajba li turi għaliex kienet naqset li tagħmel dan;

Illi skond il-liġi[41], meta jiġri hekk, jitqies li l-parti li lilha tingħata s-subizzjoni tkun stqarret u aċċettat dak li jingħad fihom. Iżda l-liġi titlob li l-kapitoli "jiġi fformulati fl-affermattiv hekk li jkun jinħtiġilhom jingħataw risposta affermattiva"[42]. Meta nfetħu l-"kapitoli" l-Qorti rat li kull mis-sitt mistoqsijiet li saru kienet tibda bil-kelma "*Tiċħad....?*". Ladarba t-tweġiba mistennija skond il-liġi kienet fl-affermattiv, dan kien ifisser li l-parti li lilha saret is-subizzjoni kienet qegħda tikkonferma ċ-ċaħda f'kull waħda minnhom; jiġifieri kienet qegħda xxejjen l-effetti kollha tal-"kapitoli" u mhux twettaqhom, kif riedu l-atturi. Għalhekk, il-Qorti ssib li ma jirriżultax li l-imħarrka Romina Spiteri tista' titqies li ammettiet l-azzjoni attriċi bil-meżż tas-subizzjoni. Naturalment, fid-dawl ta' dak aktar li ssemma qabel dwar din l-imħarrka, l-qagħda tagħha kienet diġa' nbidlet bil-fatt li hija kienet ħarġet 'il barra mill-post u marret tgħix band'oħra;

Illi, minn dawn iċ-ċirkostanzi kollha l-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrka Romina Spiteri m'għandhiex titolu li jiswa fuq il-post mertu tal-kawża;

Illi fil-qafas ta' dawn ir-riżultanzi kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrkin m'għandhomx titolu li huma jistgħu jopponu fil-konfront tal-atturi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba** fid-dawl tad-degriet tagħha tad-9 ta' Frar, 2006;

---

[39] Art. 699(1) tal-Kap 12
[40] Art. 699(2) tal-Kap 12
[41] Art. 698(2) tal-Kap 12
[42] Art. 698(1) tal-Kap 12

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni** tal-imħarrkin bħala waħda mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tiddikjara li l-imħarrkin qegħdin iżommu l-fond numru ħdax (11) Triq Bordin, l-Imsida, ġid tal-atturi, bla ebda jedd li jiswa fil-liġi, u għalhekk qegħda tordnalhom li joħorġu mill-imsemmi fond fi żmien għoxrin (20) jum mil-lum, u li fl-istess żmien jgħadduh f'idejn l-atturi ħieles minn kull ingombru; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------